**28 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Captain Joseph E. Agius, M.C. ne.

*versus*

Perit Oscar Rizzo, B.E. & A., A. u C.E., ne.

**Libell — "Fabbrika tal-Gideb" — Korp Morali — "Fair Comment" — Verità tal-Fatti — Prova — Appell — Ommessa Deċiżjoni — Art. 16 tal-Kap. 117.**

*Il-kliem "fabbrika tal-gideb" attribwiti f'ġurnal lil korp morali li jippublika xi ġurnali ma jimpurtax biss li f'xi okkażjoni ntqalgħet xi falsità f'dawn il-ġurnali, imma jfisser li f'dawk il-ġurnali jidhru kontinwament falsitajiet bħala ħaġa ta' sistema u ta' "policy". U meta wieħed jikkunsidra illi waħda mill-"basic assumptions" ta' ġurnal li jrid jirrispetta d-"decent standards" tal-professjoni ġornalistika hija d-disseminazzjoni tal-verità, u illi, meta ġurnal ma jkunx qiegħed jagħmel dan, ikun qiegħed jittradixxi l-fiduċja tal-qarrejja, u illi, jekk ġurnal, minflok il-verità, ixerred siste-*

*matikament il-falsitajiet, allura ma jkunx qiegħed jaqdi l-pubbliku, la korjenzjożament u lanqas onestament, allura ma jistax jiġi bis-serjetà sostnut illi attribuzzjoni simili mhix inġurjuża u libelluża.*

*Iċ-Chairman tal-kumpannija li toħroġ dawk il-ġurnali jista' jagħmel kawża ta' libell tant f'ismu proprju kemm bħala li għandu dik il-kwalità; għax għalkemm l-imputazzjoni tista' tkun diffamatorja għall-ġurnal u għal kull min għandu x'jaqsam fix-xogħol editorjali tiegħu, tista' wkoll tkun diffamatorja għall-kumpannija jew korp morali li hu responsabbli għall-istampa u l-pubblikazzjoni ta' dawk il-ġurnali. Għalhekk mhix aċċettabbli l-allegazzjoni illi l-inġurja ma hix kontra ċ-Chairman ta' dak il-korp morali imma kontra l-ġurnal. U hija assurda l-pretenzjoni illi l-espressjoni nkriminata tkun ilha ħafna żmien tiġi użata f'ġurnali oħra; għax jekk ġurnalista għoġbu jinġurja, dan ma jfisserx illi ħadd ieħor għandu d-dritt jirripeti dik l-inġurja mpunement.*

*Il-kliem "fabbrika tal-gideb" ma humiex affattu allegazzjoni ta' fatt, imma huma komment; għax jiġi li l-ġurnalista li ppublika dawk il-kliem deherlu li fatti u notizzji publikati fil-ġurnali ta' dik il-kumpannija ma jikkorrispondux għall-verità, u għalhekk esprima l-ġudizzju tiegħu fis-sens li kkwalifika dawk il-ġurnali, u l-kumpannija li tipproduċihom, bħala "fabbrika tal-gideb". u allura hija konsegwenza loġika u neċessarja li dak li l-kwerelat irid mhux li jipprova xi fatt minnu allegat, imma li nkitbu f'dawk il-ġurnali fatti u notizzji li ma humiex veri, u b'dan il-mod irid jiġġustifika l-komment li hu għamel bil-kliem "fabbrika tal-gideb".*

*It-talba tal-kwerelat f'każ simili, biex jeżibixxi per mezz tal-bibljotekarju diversi kopji tal-ġurnali biex juri li fihom ġew publikati diversi fatti u notizzji li fil-fatt ma jikkorrispondux għall-verità, u li, meta jkollu quddiemu dawk il-kopji, huwa jkun jista' jipproduċi kull prova oħra li tkun konnessa ma' dak li jista' jkun hemm f'dawk il-kopji, hija difiża mhux serja, u lanqas rispettuża għall-Qorti; għaliex sostanzjalment iġġib li l-Qorti tiġi trasformata f'kummissjoni ta' in-*

*kjesta sabiex il-kwerelat ikun jista' jippeska dawk il-provi "pendente lite"; liema provi l-imputat kien imissu kellu mhux biss minn mindu bdiet il-kawża, imma minn mindu għamel il-komment bil-kliem "fabbrika tal-gideb".*

*Din l-espressjoni, difatti, tikkostitwixxi akkuża ġenerali u komprensiva, mhux limitata għal okkażjoni ta' darba, imma ġeneralizzata u estiża għall-pubblikazzjonijiet tal-kumpannija bla distinzjoni; u meta l-akkuża tkun ġenerali, min irid jiġġustifika dik l-akkuża hekk ġeneralizzata hu fl-obligu, sabiex jiġi mismugħ jiddefendi ruħu, li jindika "preventivament" każijiet "speċifiċi" li fuqhom jibbaża dak il-komment ġeneralizzat, u mhux jgħid vagament li jrid iġib il-bibliotekarju biex jipproduċi diversi kopji biex mbgħad joqgħod jispigola "ex post" f'dawk il-kopji sabiex isib xi każ, jew xi każijiet, li fil-fehma tiegħu jsostnu dak il-komment. Kieku l-kwerelat jindika każijiet speċifiċi ta' falsifikazzjoni ta' fatti u/jew notizzji fil-ġurnali ġestiti mill-kumpannija b'ġustifikazzjoni tal-komment tiegħu ġeneralizzata, allura ma kienx ikun hemm diffikultà li jiġi lilu permess li jottjeni l-produzzjoni tal-kopji li minnhom jirriżultaw il-każijiet speċifiċi hekk allegati; imma jekk min dan hu ma jagħmel xejn, u jillimita ruħu jitlob il-produzzjoni ta' diversi kopji tal-ġurnali "de quibus", allura din ittalba mhix attendibbli. U jekk hu ma jkunx speċifika każijiet speċifiċi fl-ewwel istanza, ebda rimedju ma għandu fl-appell kontra ċ-ċaħda tad-domanda tiegħu mill-Ewwel Qorti, għax l-appell hu reviżjoni tal-kawża fuq il-provi in prima istanza, u mhux istruzzjoni tal-kawża mill-ġdid u riempiment tal-lakuni li, b'negliġenza tiegħu jew xort'oħra, ikun hemm fil-proċess li jiġi quddiem il-Qorti tal-Appell.*

*U dan iġib għal ostakolu ulterjuri għad-difiża tal-"fair comment"; għax ladarba huwa jkun naqas milli jagħmel dik l-indikazzjoni ta' każijiet speċifiċi, hija leġittima l-inferenza li, meta huwa uża dak il-kliem oġġezzjonat, ma kienx qiegħed, b'dik l-onestà ġornalistika meħtieġa, japplika l-ilmenti tiegħu għal każijiet speċifiċi, u mbgħad jifforma b'sobrjetà u konvinzjoni l-ġudizzju li esprima, imma bla ma kellu każijiet speċifiċi quddiemu, irripeta dak li kien qal talvolta ħadd ieħor. U dan jeskludi l-"fair commen";*

*għaliex, f'każ ta' "fair comment", jeħtieġ li min jagħmel il-komment ikun għall-korrente tal-fatti fil-waqt stess li fih ikun qiegħed jagħmel il-komment, u mhux lanqas biss ikun kapaċi jiċċita l-każijiet speċifiċi meta ssir il-kawża relattiva għal dak il-komment.*

*Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jingħad li l-kliem offensiv publikat a kariku tal-kumpannija jikkostitwixxi kritika magħmula in bwona fede; u mhix, ċertament, indizju ta' bwona fede l-isperanza tiegħu li, jekk jiġi azzjonat, jisserva bil-proċeduri tal-Qorti biex, "ex post", jindaga u jara jekk forsi jsibx xi ħaġa li fuqha jista' jippuntella l-pretiża ġustizzja tal-komment tiegħu.*

*U l-prova tal-fatti in sostenn tal-eċċezzjoni tal-"fair comment" għandha tiġi miċħuda, mhux għar-raġuni illi ċ-Chairman tal-kumpannija kwerelanti ma jidħolx fl-elenku tal-persuni li dwarhom il-liġi tal-istampa tippermetti l-prova tal-verità tal-fatti, imma għaliex il-fatti li tagħhom tintalab il-prova ma ġewx speċifikati, u għaliex ebda komment ma jista' jkun "fair" jekk ikun bażat fuq fatti li ma rriżultawx li kienu noti lill-kwerelat meta għamel il-komment "de quo"; u għax ebda komment, jekk il-fatt mhux pruvat, ma jista' jitqies "fair comment".*

*Jekk il-Qorti tal-Ewwel Istanza tommetti li tiddeċidi l-ispejjeż, xejn ma tista' tipprovdi dwarhom il-Qorti tat-Tieni Istanza, għax ma hemmx appell "ab omissa decisione"; il-Qorti ta!-Appell tista' però tiddeċidi l-ispejjeż tat-tieni istanza.*

Il-Qorti:— Rat il-kwerela ta' Captain Joseph E. Agius, M.C., bħala Chairman u Managing Director ta' "The Allied Malta Newspaper Limited", bl-imputazzjoni illi fl-aħħar tliet xhur mill-4 ta' Ottubru 1958, il-kwerelat Perit Oscar Rizzo, B.E. & A., A. & C.E., bħala editur tal-gazzetta "Il-Poplu", u l-kwerelat Robert Vassallo, bħala awtur tal-artikolu li deher fl-istess gazzetta fil-ħarġa tas-16 ta' Awissu 1958, inġurjaw lill-kwerelant nomine permezz (1) ta' artikolu li deher fl-imsemmija gazzetta tas-16 ta' Awissu 1958 fit-tieni paġina, intitolat "Serviliżmu Imperjalista ta' Mabel", (2) ta' artikolu li deher fis-26 ta' Lulju 1958 fl-

ewwel paġina, intitolat "Ipokrisija tat-Times of Malta", (3) ta' artikolu li deher fit-30 ta' Awissu 1958 intitolat "Il-fabbrika tal-gideb", (4) u ta' artikolu li deher fis-6 ta' Settembru 1958, fl-ewwel paġina, intitolat "It-Times of Malta u l-Berqa ma jippublikawx ittri ta' Borg Olivier", publikati dawn l-artikoli mill-kwerelat Perit Oscar Rizzo, u dak tas-16 ta' Awissu 1958 miktub mill-kwerelat Robert Vassallo;

Rat il-verbal quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-8 ta' Novembru 1958, li bih il-kwerelat Perit Rizzo assuma r-responsabbiltà għall-publikazzjoni tal-artikoli nkriminati, barra minn dik tal-artikolu publikat fis-16 ta' Awissu 1958, billi f'din id-data huwa kien jinsab imsiefer, u l-kwerelat Robert Vassallo aċċetta li hu l-awtur tal-artiklu li deher fil-gazzetta "Il-Poplu" fis-16 ta' Awissu 1958;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Diċembru 1958 li biha sabet lill-kwerelat Perit Oscar Rizzo ħati talli bl-artikoli nkriminati, barra minn dak tas-16 ta' Awissu 1958, ingurja lill-kwerelant, u lill-kwerelat Robert Vassallo ħati talli fl-artikolu ntitolat "Serviliżmu Imperjalista ta' Mabel" publikat fil-"Poplu" tas-16 ta' Awissu 1958 ingurja lill-kwerelant, u kkundannat lill-kwerelati £5 multa kull wieħed, u ordnat lill-kwerelat Perit Oscar Rizzo, B.E. & A., A. & C.E., li jippublika fl-ewwel numru tal-gazzetta "Il Poplu" sunt komprensiv tas-sentenza fil-lingwa tal-imsemmija gazzetta;

Rat ir-rikors tal-kwerelati, li bih appellaw mis-sentenza fuq imsemmija, u talbu li tiġi revokata, billi jiġi lilhom permess li jġibu l-provi li l-Ewwel Qorti ċaħditilhom, u billi ssib mhux ħatjin lill-istess kwerelati u tilliberahom;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-kwerela ġiet limitata, u l-kwistjoni bejn il-partijiet ġiet ristretta, għall-kliem, ripetutament publikat fl-artikoli msemmijin fiċ-ċitazzjoni — "fabbrika tal-gideb";

Ġie fl-ewwel lok eċċepit li dawn il-kliema ma humiex inġurjużi;

Din il-Qorti tirrileva li l-kliem "fabbrika tal-gideb" ma jimpurtawx biss li f'xi okkażjoni ntqalet xi falsità, imma jfissru illi fil-ġurnali "de quibus" qegħdin jidhru kontinwament falsitajiet, bħala ħaġa ta' sistema u ta' "Policy". Issa, meta wieħed jikkunsidra illi waħda mil-"basic assumptions" ta' ġurnal, li jrid jirrispetta d-"decent standards" tal-professjoni ġornalistika, hija d-disseminazzjoni tal-verità, u illi, meta ġurnal mhux qiegħed jagħmel dan, ikun qiegħed jittradixxi l-fiduċja tal-qarrejja, u illi, jekk ġurnal, minflok il-verità, ixerred sistematikament il-falsitajiet, allura ma jkunx qiegħed jaqdi lill-publiku, la koxjenzjożament u lanqas onestament, wieħed ma jifhemx kif il-kwerelati jistgħu bis-serjetà isostnu li imputazzjoni simili ma hix libelluża. Josserva tajjeb a propożitu Paul Scott Mowrer, f'monografija publikata fil-ktieb "The Educational Role of the Press" (1934, League of Nations, Internat. Inst. of Intellect. Cooperation"), illi:— "The basic assumption of the newspaper is that the public has the right to know truthfully and objectively what is happening. The newspaper which fails to gain and to keep, or which is discovered to have betrayed the confidence of its readers, has lost all...... The conscientious journalist assumes, therefore, that it is his duty, first, to ascertain the facts, no matter how difficult or impalatable they may be, and, second, to present these facts to the public honestly and fairly... The newspapers can raise the general level of culture by giving the public accurate news on which to base the formation of opinion and by accustoming the public to demand and expect the truth in all matters of high social significance";

Il-kwerelati, in sostanza, qegħedin jgħidu illi l-ġurnali, sistematikament, għandhom bħala "policy" (u tant timporta l-espressjoni nkriminata "fabbrika tal-gideb") li jiddisseminaw notizzji u fatti foloz, u b'hekk qegħdin jonqsu minn dawn id-doveri ta' verità ġornalistika;

Dik l-espressjoni hi, għalhekk, bla dubju ta' xejn libelluża;

In konnessjoni ma' din l-eċċezzjoni, ġie ukoll argumentat, "in subordine", fid-dibattitu, li, jekk dik l-espressjoni hija nġurjuża, allura ma hix inġurjuża għall-kwerelant, imma għall-ġurnal;

Anki din l-eċċezzjoni subordinata hi bla bażi. Il-Kaptan Agius qiegħed jaġixxi bħala Chairman u Managing Director ta' "The Allied Malta Newspaper Ltd.". Din hi "limited liability company", u tippublika l-gazzetti "Times of Malta", "Il-Berqa", u s-"Sunday Times of Malta". Is-sedi tagħha hi Strickland House. Fl-artikoli nkriminati jissemmew appuntu t-"Times of Malta", il-"Berqa", u "Strickland House";

Il-kwerelant (għad li seta') ma hux qiegħed jaġixxi "nomine proprio", imma bħala Chairman tal-Kumpannija. Ġie kemm il-darba deċiż minn din il-Qorti li korp morali jista' jagħmel kawża ta' libell għall-offiżi fir-riputazzjoni tiegħu (ara Kollez. XXXIII-IV-94);: XXXVII-IV-1110). L-imputazzjoni in parola tista' tkun diffamatorja għall-ġurnal u għal kull min għandu x'jaqsam fix-xogħol editorjali tiegħu; imma dan ma jfisserx, bl-ebda mod, li ma tistax ukoll, u fl-istess ħin tkun, kif fil-fatt hi, diffamatorja għall-kumpannija jew korp morali li hu responsabbli għall-istampa u l-publikazzjoni ta' dawk il-ġurnali; għaliex, jekk dak il-korp morali jippermetti li l-ġurnali tal-kumpannija jsegwu sistematikament "policy" ta' falsitajiet, sinjal allura li jkun qiegħed japprova u jinkoraġġixxi, anzi li jrid, dik il-"policy";

Ikkunsidrat;

Hu stran illi l-kwerelat Perit Oscar Rizzo, fix-xhieda tiegħu, donnu ried jiġġustifika ruħu billi jgħid li din l-espressjoni ilha ħafna żmien użata f'ġurnali oħra a kariku tal-ġurnali diretti mill-Kumpannija fuq imsemmija; bħal li kieku b'daqshekk, għax ħadd ieħor għogħbu jinġurja, allura hu għandu d-dritt li jirripeti impunement l-inġurja. Ma hemmx bżonn jingħad li din il-pretensjoni hi assurda; u forsi dan il-kwerelant nesa' l-kliem li opportunament jiċċita l-Odgers, "On Libel and Slander", 1929 edition, p. 144, fis-

sens li "tale-bearers are as bad as tale-makers". Dan l-awtur ikompli jgħid:— "Every repetition of a slander is a wilful publication of it, rendering the speaker liable to an action";

Jgħid ukoll il-Gatley, "On Libel and Slander", 1953 edition, p. 107:— "A party is not the less entitled to recover damakes in a Court of Law for injurious matter published concerning him because another person previou·· published it. That shows merely that the plaintiff has been wronged by another person as well as the defendant, and may consequently have an action for damages against that person also";

Ara wkoll Button, p. 76 "On Libel and Slander", u Ball, p. 37 "The Law of Libel and Slander";

Ikkunsidrat;

Kif jidher mill-verbal fol. 7 u minn dak fol. 8, il-kwerelati ssollevaw, "in subordine", l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti u dik tal-"fair comment";

Kif ingħad, il-kwistjoni hi ristretta għall-kliem "fabbrika tal-gideb". Issa, dawn il-kliem ma humiex affattu allegazzjoni ta' fatt, imma huma komment; għax hu suppost li l-kwerelati dehrilhom li fatti u notizzji publikati fil-ġurnali ta' dik il-Kumpannija ma jikkorrispondux għall-verità, u għalhekk esprimew il-ġudizzju tagħhom fis-sens li kkwalifikaw lil dawk il-ġurnali, u l-kumpannija li tipproduċihom bħala "fabbrika tal-gideb". Jgħid l-Odgers, ibidem page 161:— "A comment is the expression of the judgment passed upon certain alleged facts by one who has applied his mind to them and who, while so commenting, assumes that such allegations of facts are true. The assertion if a fact is not a comment at all';

Dan iġib, loġikament u neċessarjament, għall-konsegwenza li verament dak li l-kwerelati jridu ma hux li jippruvaw xi fatt minnhom allegat, għax, kif ingħad, ebda fatt ma hu minnhom allegat, imma jridu jippruvaw li nkitbu

f'dawk il-ġurnali fatti u notizzji li ma humiex veri, u b'dan il-mod iridu jiġġustifikaw il-komment li huma għamlu bil-kliem "fabbrika tal-gideb";

Issa, hu tal-akbar importanza f'din il-kawża li l-ġudikant jeżamina b'liema mod il-kwerelati jridu jagħmlu l-prova tal-fatti li bihom iridu jiġġustifikaw il-komment. F'din is-sede (ara verbal fol. 25) il-kwerelati rreiteraw id-domanda kif ġiet minnhom magħmula quddiem l-Ewwel Qorti fol. 8, li hi f'dawn it-termini:— "Il-kwerelati, per mezz tad-difensuri tagħhom, iridu jeżibixxu per mezz tal-biblijotekarju diversi kopji tal-ġurnali biex juru li ġew publikati diversi fatti u notizji fuq il-Partit Nazzjonalista, id-diriġenti tiegħu, il-kondotta tagħhom u tal-membri tal-istess partit, u l-iskopijiet u l-programm tiegħu, li fil-fatt ma jikkorrispondux għall-verità". U f'din is-sedi żiedu (ara verbal fol. 25) li, "meta mbgħad id-difiża jkollha quddiemha l-kopji tal-ġurnali msemmija fil-verbal, allura d-difiża tipproduċi kull prova oħra li tkun konnessa ma' dak li jkun hemm f'dawk il-kopji";

Dawn il-verbali huma biżżejjed biex juru li s-sistema ta' difiża adottat mill-kwerelati ma hux serju, u lanqas rispettuż għall-Qorti, għaliex sostanzjalment iġib li jittrasforma l-Qorti f'kummissjoni ta' inkjesta, sabiex huma jkunu jistgħu, "pendente lite", jippeskaw dawk il-provi, li kien imisshom ikollhom mhux biss minn mindu bdiet il-kawża, imma minn mindu għamlu l-komment bil-kliem "fabbrika tal-gideb";

Infatti, hu ovvju li l-kliem inkriminati jikkostitwixxu akkuża ġenerika u komprensiva, mhux limitata għal okkażjoni ta' darba, imma ġeneralizzata u estiża għall-publikazzjonijiet ta' dik il-Kumpannija bla distinzjoni. Issa, hu paċifikament riċevut fid-dottrina in propożitu, li, meta ċ-"charge" tkun ġenerali, allura min irid jiġġustifika dik iċ-"charge" hekk ġeneralizzata huwa fl-obligu sabiex jiġi mismugħ jiddefendi ruħu. li jindika "preventivament" każijiet "speċifiċi" li fuqhom qiegħed jibbaża dak il-komment ġeneralizzat, u mhux jgħid vagament li jrid iġib per mezz tal-biblijotekarju diversi kopji biex mbgħad joqgħod

jispigola "ex post" f'dawk il-kopji sabiex isib xi każ, jew xi każijiet, li fil-fehma tiegħu jsostni, jew isostnu, dak il-komment. Jgħid l-Odgers, loc. ċit., p. 518-519:— "When the libel consists of one precise and specific charge it is sufficient to plead generally...... but whenever a general charge is made, ... specific instances must be given in the defence, so that the plaintiff may know on what facts the defendant intends to rely... But the defendant should set out in his pleadings all the instances that he can prove. Such instances must be pleaded with sufficient particularity......";

L-istess il-Folkard, "The Law of Libel and Slander", p. 384, jgħid:— "Where the original charge was in itself specific, the defendant need not have further particularised it in his plea...... though if the charge imputed to the plaintiff was general, the defendant must, in his plea, have charged specific instances of offences of the same nature......"; u dan għax, kif jispjega dan l-awtur, min jagħmel akkuża ġeneralizzata, " must know the particular instances upon which his accusation is founded, and therefore ought to disclose them". U jikkonkjudi billi jgħid, 385-386:— "It has been a well-established rule in cases of slander as well as libel, that where the charge was general in its nature, the defendant in a plea of justification was required to state some specific instances of the misconduct imputed to plaintiff";

Il-kwerelati naqsu għal kollox milli jissoddisfaw għal dan ir-rekwiżit. Ebda ndikazzjoni speċifika ma tirriżulta mill-inkartament in prima istanza, u ebda "specific instances" ma ġew mogħtija quddiem din il-Qorti. Kieku l-kwerelati ndikaw każijiet speċifiċi ta' falsifikazzjoni ta' fatti u/jew notizzji fil-ġurnali ġestiti mill-Kumpannija fuq imsemmija b'ġustifikazzjoni tal-komment tagħhom ġeneralizzat, allura ma kienx ikun hemm diffikultà li jiġi lilhom permess li jottjenu l-produzzjoni tal-kopji li minnhom jistgħu jirriżultaw il-każijiet speċifiiċi hekk allegati; imma l-kwerelati xejn ma għamlu minn dan kollu, imma dehrilhom biżżejjed li jitolbu l-produzzjoni ta' diversi kopji tal-ġurnali "de quibus" bla ma la ndikaw il-ġurnali, u anqas u anqas dawk il-każijiet speċifiċi li huma jridu jippruvaw

in sostenn tal-komment tagħhom; *anzi qalu li, meta* jkollhom dawn il-kopji, allura jġibu l-provi l-oħra magħhom konnessi, bla ebda ndikazzjoni ta' dawn il-provi. Ebda rimedju ma jista' jsir fl-appell, għax l-appell hu reviżjoni tal-kawża fuq il-provi in prima istanza, u mhux istruzzjoni tal-kawża mill-ġdid u riempiment tal-lakuni li, b'negliġenza tal-parti jew xort'oħra, ikun hemm fil-proċess li jiġi quddiem din il-Qorti;

Issa, dan li ġie issa rilevat iġib anki għal ostakolu ulterjuri għad-difiża tal-"fair comment". Jekk il-kwerelati naqsu jiċċitaw każijiet speċifiċi, kif kien dmir tagħhom li jagħmlu, dan jilleġittima l-*inferenza* li, meta huma wżaw dawk il-kliem *oġġezzjonati, ma kienux, b'dik l-onestà ġornalistika* meħtieġa, qegħdin japplikaw ilmenti tagħhom għal każijiet speċifiċi, u mbgħad minn dawk il-każijiet jiffurmaw b'sobrjetà u konvinzjoni l-ġudizzju li esprimew, imma, bla ma kellhom każijiet speċifiċi quddiemhom, irripetew, *kif qal b'intendiment* ieħor il-kwerelat Perit Rizzo, dak li kien talvolta qal ħadd ieħor. Issa, dan jeskludi d-difiża tal-"fair comment": għaliex hu prinċipju, ġust u paċifiku, f'din il-materja illi, f'każ ta' "fair comment", jeħtieġ li min jagħmel il-komment *ikun* għal-korrente tal-fatti f'dak il-waqt stess li fih ikun qiegħed jagħmel il-komment, u mhux lanqas biss ikun kapaċi jiċċita l-każijiet speċifiċi meta ssir il-kawża relattiva għal dak il-komment, kif ġara f'dan il-każ preżenti. Jgħid, difatti, il-Gatley, p. 336 loc. ċit.:— "In the case of fair comment the state of mind of the defendant at the time when he published the defamatory words is most material. Thus, he cannot simply avail himself of any facts as justifying the comment of which he was ignorant at the time when he published the words complained of";

Kif intqal mill-Qorti Ċivili Prim'Awla in re "Srtickland vs. Chretien", 7 ta' Jannar 1936 (is-sentenza kienet mogħtija bil-lingwa ngliża), konfermata fl-appell (Kollez. Vol. XXXIX-I-859-881):— "One must be in good faith at the moment when the imputation is printed and published, and the state of mind constituting good faith is in direct connection with the facts as known at that moment. Evidence

acquired afterwards cannot have a retrospective effect on the state of mind at the time of the publication of the libel";

Kif jista', difatti, bniedem jippretendi li jiġġustifika l-kliem offensiv bħala "criticism bona fide", meta hu ma kellu ebda fatt speċifiku quddiemu x'ħin għoġbu jagħmel komment li per sè hu nġurjuż? Ma hix ċertament indizju ta' bwona fede l-isperanza tiegħu li, jekk jiġi azzjonat, jisserva bil-proċeduri tal-Qorti biex, "ex post", jindaga u jara jekk forsi isibx xi ħaġa li fuqha jista' jippuntella l-pretiża ġustizzja tal-komment tiegħu. Każ simili hu deskritt tajjeb bil-kliem tal-Folkard, loc. ċit. paġ. 232, fejn jgħid:— "Mis-statements contained in a commentary or criticism were made recklessly, and with a want of ordinary care and caution. And it is important that a line be drawn between fair discussion for the promotion of truth and publications for the aspersion of personal character". U hu loġiku dak li ntqal f'rapport publikat fl-Amerika minn "Commission" intitolat "A Free and Responsible Press" by Robert Hutchins, 1947 illi, għalkemm talvolta "the right of free public expression included the right to be in error", anki fl-espressjoni ta' ġudizzji, jeħtieġ, però, li l-iżball ikun in bwona fede, u wara li l-ġornalista jkun għamel l-indaġini meħtieġa u applika ilmenti tiegħu onestament u sobrjament għall-fatti li jkollu quddiemu; għax, kif dik il-"Commission" issoġġjunġiet immedjatament, "but the right of free public expression does not cover the right to be irresponsibly in error";

Għalhekk din il-Qorti tiċħad il-prova tal-fatti in sostenn tal-eċċezzjoni tal-"fair comment"; mhux għar-raġuni ndikata mill-Ewwel Qorti fid-digriet tagħha fol. 8 u 9 talinkartament, ċjoè għax il-kwerelant ma jidħolx fl-elenku tal-persuni ndikati fl-art. 16 Kap. 117 Ediz. Riveduta, imma għaliex il-fatti li tagħhom qegħdha tintalab il-prova ma ġewx speċifikati, kif fuq ingħad, u għaliex ebda komment ma jista' jkun "fair" jekk ikun bażat fuq fatti li, bħal f'dan il-każ, ma jirriżultax li kienu noti lill-kwerelati meta għam-

lu l-komment "de quo", u għax ebda komment, jekk il-fatt mhux pruvat, ma jista' jitqies "fair comment" (Gatley, p. 346; Kollez. Vol. XXXIII-IV-680; idem p. 941 XXXVI-IV-843);

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tal-ewwel istanza ommettiet li tiddeċidi l-ispejjeż. Għalhekk, peress li ma jingħatax appell "ab omissa decisione", xejn dwarhom ma tista' tipprovvedi din il-Qorti kwantu għall-ewwel istanza. Tista', però, tiddeċidi l-ispejjeż ta' din l-istanza;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi, għar-raġunijiet fuq imsemmijin, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Is-sunt imsemmi fis-sentenza appellata għandu jiġi publikat fl-ewwel numru tal-gazzetta "Il-Poplu" li joħroġ wara l-lum. Kwantu għall-ispejjeż, dawk tal-appell jitħallsu mill-kwerelati, taxxati "uti infra"; tnax il-xelin għas-seduta tal-14 ta' Frar 1959, u għaxar xelini għal kull seduta oħra.